# IL-FIRDA

Rajtek titbiegħed, Marija,
bid-demgħa tal-firda f'għajnejk;
ħarstek, u qalbek fissruli
in-niket li ġarrbu ħaddejk.

Fejn sejra? Fejn sejra? Il-ħajja
ejj' nerġgħu ngħixuha flimkien,
titbissem ma' dwarna r-rebbiegħa,
isaltan il-ferħ kullimkien.

Erġ'ejja żagħżugħa, fuq tiegħek,
bħal warda li tiftaħ f'April,
noħolmu s-sabiħ, u minn ħsiebna
intajru taż-żmien id-dell tqil.

Rajtek titbiegħed, Marija,
titbiegħed sakemm il-lejl sar;
jien ridt b'ħarsti nċarrat id-dalma,
id-dalma li waqgħet mad-dwar.

Għalxejn. Inti mort. Leħnek baqa'
jitkellem ġo fina kull ħin:
fil-ħemda ta' djarna, u ġo qalbna
għaddew bħal ferħ naħal mgħaġġlin

Is-snin ta' ħbubitna għaqlija,
u l-hena li f'sidrek kont ħżint.
Għarrixna fis-sikta, u saqsejna
lill-baħħ li jdawwarna: Fejn int?

Fejn inti? Mitlufa fil-kobor
ġo saltna ta' dawl u ta' sebħ,
ferħana għax qorbot is-siegħa
ta' rabta, ta' sliem u ta' rebħ.

U inti, ja xemx, illi nieżla
ħamra mixgħula bl-imħabba,
wasslilha dix-xewqa li f'ruħna
twieldet, u għadha titrabba:

"Ofroq, Marija, t-trieq tal-ward u l-hena,
u la tibżax mill-hemm u mit-tiġrib,
ħobb lil min ħabbek, hekk kif tamar qalbek,
ofroq dil-ħajja ta' mitt elf salib."

Rajtek titbiegħed, titbiegħed....
iġelben id-dmugħ fuq ħaddejk,
id-dalma li waqgħet firditna
mis-seħer li għandhom għajnejk.

Ġużè Chetcuti